Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

20 ta' Awwissu 2013

**It-Tmien Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2013 fis-6.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Sejħa għall-offerti dwar studju b'rabta mal-Proġett PIM EnergEthica
6. Stimi dwar servizz ta' Riċerka, Konsultazzjoni u Immaniġġjar ta' siti b'rabta mal-*Heritage Trail* fl-Selmun u fl-Imġiebaħ.
7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt għal Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ

Materji Oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

8. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

“Billi l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani skada fil-31 ta’ Marzu 2013;

Billi saret sejħa għall-offerti (2/2013) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board*, fil-laqgħa li saret fit-3 ta’ Awwissu 2013; u

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 hemm ivvutata s-somma ta' €55,000;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013, mal-offerent - Euro Clean Ltd - li offra servizz ta' tindif mekkanizzat, mgħejjun b'mezzi manwali, bir-rata annwali li tvarja minn €42,840 fl-ewwel sena għal €44,340 fit-tielet sena.”. (T/4/5/Vol IV)

John Buttigieg – Sindku
**Proponent**

Emvin Bartolo - Kunsillier
**Sekondant**

9. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

"Billi fis-seduta tal-Kunsill Nru. 3 tat-13 ta’ Mejju 2013 ġie deċiż li għandu jinkiseb servizz ta’ kustodju għall-Park tal-Familja f’Tal-Ibraġ, li n-natura tax-xogħol tiegħu ġiet stabbilita` fl-istess seduta;

Billi saret sejħa għall-offerti (3/2013) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);

Billi saret evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* li rrakkomanda sabiex l-offerent Joseph Grima jingħata l-kuntratt in kwistjoni, skont il-minuti tal-istess bord tat-3 ta’ Awwissu 2013; u

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 taħt il-vot tal-Parki u Ġonna (3061) hemm ivvutati fondi biżżejjed għas-servizz imsemmi;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta’ Settembru 2013 mal-offerent Joseph Grima, li offra s-servizzi tiegħu bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.". (P/4/6/1)

John Buttigieg – Sindku
**Proponent**

Emvin Bartolo - Kunsillier
**Sekondant**